# F'DAN IL-ĦADD

- Magħna se jkollna lis-Sorijiet tal-Karità biex jiġbru fondi għall-opri tagħhom, speċjalment mal-anzjani. Dawn se jkunu fil-bibien tal-knisja u jiġbru l-offerta tagħkom xhin toħorġu mill-quddiesa.
- F'dan it-tielet Ħadd tal-Għid filgħaxija, wara l-quddiesa tal-5:00pm se nagħmlu purċissjoni qasira bix-xbieha ta' San Ġużepp. Ġużeppi jgħallimna kemm huwa importanti l-missier fil-familja. Kien hu li ħa ħsieb Marija u Ġesù meta kienu mheddin. Kien Ġużeppi li għalaq il-ħanut tax-xogħol u telaq lejn l-Eġittu, 'il bogħod mill-qilla ta' Erodi. Kif jgħid il-Papa Franġisku, nisħajlu li kien Ġużeppi wkoll li għallem lil Ġesù jagħmel l-ewwel passi. Kien huwa wkoll li għallem lil Ġesù jobdi lil ommu Marija.
- Il-jum tal-ewwel ta' Mejju huwa marbut max-xogħol u mal-ħaddiema. Ma ninsew qatt li ma hemm l-ebda xogħol li jbaxxi l-bniedem. Kull xogħol jagħti dinjità lil min jagħmlu, basta jsir mingħajr ma wieħed jitlef il-libertà u bla ma wieħed isir lsir tax-xogħol innifsu. Ix-xogħol iqaddisna meta aħna nsibu bilanċ u nagħtu importanza wkoll lill-ħajja tar-rabta ma' Alla u lill-mumenti tal-mistrieħ għall-familja kollha.
- Qegħdin inqassmu envelop biex ngħinu lill-patrijiet ta' Ġieżu tax-Xatt, għall-festa ta' Sant'Antnin. Ngħinu mill-aħjar li nistgħu. Darba minnhom Sant'Antnin qabeż għal dawk li kienu jintefgħu l-ħabs għax ma kienx ikollhom biex iħallsu xi djun. Il-gvern medjevali ta' żmienu laqa' t-talba tal-qaddis u biddel il-liġi.
- Qegħdin xahrejn u ftit wara li bdiet l-invażjoni tal-Ukraina. Kemm tiġrif, imwiet, vjolenza kontra d-dinjità tal-innoċenti. Ma noqogħdux nagħtu tort lil Alla. Iktar hu l-każ li nitolbu biex il-bnedmin jgħixu kif iridhom Alla.
- Data importanti: il-ħruġ tal-istatwa dis-sena se jsir fis-16 ta' Ġunju.

***L-Arċipriet***



**LAQGĦA GĦALL-ĠENITURI**

Dawk il-ġenituri li se jkollhom xi ħadd minn uliedhom għall-Ewwel Tqarbina u/jew għall-Griżma tal-Isqof, se jkollhom laqgħa apposta għalihom nhar il-Ġimgħa 6 ta' Mejju fis-7:00pm fis-Sala Parrokkjali. Is-suġġett huwa: *KIF NIPPROMOVI L-ĦAJJA TAL-ĦOLQIEN.* Il-kelliem se jkun il-Kan. Dun Reuben Micallef, viċi parroku.

**AVVIŻI:**

**RUŻARJU F'MEJJU:** matul ix-xahar ta' Mejju ħa tkun qed tingħad it-talba tar-rużarju qabel l-aħħar quddiesa.
Kull nhar ta' Ġimgħa, it-talba tar-rużarju se tkun qed tingħad fil-pubbliku f'żoni differenti tar-raħal. Għalhekk nhar il-Ġimgħa 6 ta' Mejju niltaqgħu fi Ġnien il-Kunsill fis-6:00pm. Kulħadd hu mistieden.

**PURĊISSJONI TA' SAN ĠUŻEPP:** din se ssir dan il-Ħadd 1 ta' Mejju wara l-quddiesa tal-5:00pm. Se tkun purċissjoni qasira li ddur mas-salib tal-pjazza.

**L-EWWEL ĠIMGĦA TAX-XAHAR:** nhar il-Ġimgħa 6 ta' Mejju. Filgħaxija jkun hawn is-siegħa tal-Ħniena Divina. Il-ħin ikun wara l-quddiesa tal-5:00pm. Id-dinja għandha bżonn il-ħniena ta' Alla biex tikseb il-paċi, u għalhekk ilkoll mitlubin ninġabru flimkien biex nitolbu dan.

**IL-LEĠJUN TA' MARIJA:** se jorganizza siegħa adorazzjoni bi tpattija lill-qalb bla tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin, nhar is-Sibt 7 ta' Mejju fit-8:15am fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù. Kulħadd huwa mistieden li jipparteċipa.

**IŻ-ŻGĦAŻAGĦ TAĊ-ĊENTRU:** qed jorganizzaw Quddiesa u BBQ għall-familji u l-ħbieb taċ-Ċentru nhar is-Sibt 7 ta' Mejju fis-7:30pm fuq il-bejt taċ-Ċentru. Waqt din is-serata ser ikun hemm 3 logħbiet tat-tombla u spot prizes. Biljetti miċ-Ċentru stess.

**LAQGĦA GĦALL-ĠUVINTUR U OLD BOYS:** nhar is-Sibt 7 ta' Mejju fit-8:00pm fil-Museum tas-subien. Ser ikellimna Dun Michael Said. Il-ġuvintur u l-old boys huma mistiedna.

**F'JUM L-OMM:** nhar il-Ħadd 8 ta' Mejju, il-Ministeru għal Għawdex b'kollaborazzjoni mal-uffiċċju għall-Anzjani se jorganizza quddiesa għall-anzjani fis-Santwarju Ta' Pinu. Tibda fl-10:00am. Min-Nadur ikun hemm trasport fid-9:15am minn Triq it-Tiġrija (ħdejn l-iskola) u minn San Blas.

**KLABB TAS-SAJF FL-ORATORJU DON BOSCO:** għal studenti ta' bejn 4 snin u 13-il sena, kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa bejn id-9:00am u nofsinhar matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu. L-attivitajiet jinkludu Quddiesa kuljum, diversi oqsma ta' arti u krafts, mużika, żfin, drama, sports kif ukoll ħarġiet ta' kultura u divertiment. L-applikazzjonijiet jistgħu jinġabru mill-Oratorju Don Bosco stess u jibqgħu jintlaqgħu sal-aħħar ta' Mejju. Inkella jistgħu jitniżżlu minn fuq il-website tal-Oratorju.

**ENGLISH CORNER**

*The Third Sunday of Easter - 1st May, 2022*
So the disciple whom Jesus loved said to Peter, "It is the Lord." When Simon Peter heard that it was the Lord, he tucked in his garment, for he was lightly clad, and jumped into the sea. [John 21:7]

We cannot force someone to hear the message if they are not ready to receive it. We must never underestimate the power of planting a seed!
So go out and make a difference in the world!

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am